MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 140/2007

**Public Broadcasting Services Limited**
**(C 13140)**

**Vs**

**Karl Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` tliet mija u erbgha u sittin lira, hamsa u hamsin centezmu (Lm364.55), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz lilu rez.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Mejju, 2006 (rif. 3064/06) u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat legalment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-8 ta` Ottubru, 2007 meta gie pprezentat il-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa` t-talba u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Lm364.55, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------